TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 213/14/GB

**Leander Mizzi**

**vs**

**M. A. Motorcycles Limited**

Illum 14 ta' Jannar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Ottubru, 2014, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghall-camera 'CamOne', li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema camera kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara camera 'CamOne' minghand is-socjeta' ntimata. L-ewwel camera kellha problema bil-'pixels' u giet mibdula mis-socjeta' ntimata. Il-'hinge shaft' issaddedt wara 'dive' wahda u nqassmet il-'case' fejn hemm il-viti, wara li r-rikorrent kien ghodos sa 25m fond, u dawn inbiddlu mis-socjeta' ntimata, fejn hija taghtu mudell gdid. Din il-camera regghat bil-problemi, u s-socjeta' ntimata regghat ipprovdietu b'wahda gdida. Il-problemi baqghu ghaddejjin, fejn finalment, ir-rikorrent rega' ha l-camera ghand is-socjeta' ntimata

minhabba problema fil-'case' taghha u l-'monopod', u ma rega' sema' xejn iktar minghand is-socjeta' ntimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija ma taqbilx ma dak li ntqal mir-rikorrent u li ser taghti provi waqt is-seduta.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.LM1; kopja tal-'manual', li giet immarkata bhala Dok.LM2; dokument li juri t-test li ghamel hu stess fuq il-camera in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.LM3; ritratt tal-camera li turi l-'condensation', li giet immarkata bhala Dok.LM4; kopja tal-garanzija, li giet immarkata bhala Dok.LM5; u dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok.LM6.

Ir-rikorrent ezebixxa wkoll il-camera in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

In kontro-ezami, ir-rikorrent stqarr illi din hija s-sitt camera u m'ghandux problemi biha. L-istruzzjonijiet ma qarahomx kollha. Kien ihalli l-camera ticcargja ghal lejl. Kull darba li kien juzaha kien ilahlahha bl-ilma helu u jixxuttaha. Il-camera tiehu 30m pero' hu kien jinzel sa 25m biex jibza' ghaliha. Ix-xhud ikkonferma li pprova jbiegh il-camera fuq il-'Maltapark' izda mbaghad iddecieda li ma jbieghhiex u jiftah il-kawza. Kien uzaha darba u hareg is-sadid wara li kien ser ibieghha. Ix-xhud stqarr ukoll illi huwa ried ibieghha ghaliex ried wahda li tinzel aktar fil-fond.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha. ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi ma' l-ilment tar-rikorrent hija kkuntatjat is-'supplier'. L-ewwel darba, il-camera giet mibdula minhabba difett fis-'sensor'. Hija dejjem biddlet il-camera ghal wahda ahjar. Hija kienet avzat lir-rikorrent biex jiehu hsiebha wara li juzaha. Ir-rikorrent kien rega' mar b''dive box' iddanneggjata u miftuha, fejn is-'supplier' kien qalilha li kien impossibbli li 'dive box' tkun iddanneggjata. Is-socjeta' ntimata biddlet il-camera u meta ccekjawha, kienet 60herz, meta suppost kienet 50herz, ghalhekk kien hemm il-'flickering'. Is-socjeta' ntimata biddlet il-camera buona volonta' taghha ghaliex setghat biddlet biss il-batteries jew xejn. Ir-rikorrent qatt ma xtara 'humidity pads' minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata ezebiet zewg dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.MA1 u Dok. MA2; flimkien ma' kopja ta' email, li giet immarkata bhala Dok.MA3.

Is-socjeta' ntimata ezebiet ukoll il-'case' u l-'monopod' tal-camera in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta, id-dannu ta' liema, skond is-'supplier', huwa minhabba traskuragni da parti tar-rikorrent u ghalhekk m'humiex ser jinbidlu.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm in-negozjant responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar l-istess. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghall-hsarat li setghu gew ikkawzati minhabba uzu hazin da parti tar-rikorrent. Mill-provi li ngabu, it-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip – l-ewwelnett, ma ngabet l-ebda prova rigwardanti xi difett fil-camera in kwistjoni, ansi, kien hemm ammissjoni da parti tar-rikorrent stess illi tali camera m'ghandha l-ebda difett; tieninett, it-Tribunal jiehu in konsiderzzjoni l-ammissjoni da parti tar-rikorrent illi huwa kien ipprova jbiegh il-camera in kwistjoni ghas-semplici raguni illi xtaq wahda li biha seta' jinzel iktar fil-fond; tieletnett, kien hemm nuqqas totali ta' kredibbilita' da parti tar-rikorrent, li ta diversi verzjonijiet kunflingenti waqt ix-xhieda tieghu *viva voce*. It-Tribunal, ghal dawn ir-ragunijiet, qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u vessatorja u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, u jordna lir-rikorrent ihallas l-ammont ta' hamsin Ewro (€50.00) bhala penali lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**